PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

7.12.2007 PE398.501v01-00

EMENDI TA' KOMPROMESS 1-29

Abbozz ta' rapport **(PE390.381v02-00)**
Roberta Angelilli
Lejn Strateġija Ewropea għad-drittijiet tat-tfal
(2007/2093(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 1
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 13, 14, 15)
Premessa B

B. billi, skond l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ***u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,*** huwa importanti li t-tfal ***kollha jkunu*** żgurati d-dritt għall-"parteċipazzjoni", biex tkun ikkunsidrata dejjem l-esperjenza u l-opinjoni tagħhom dwar il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardawhom, ***liema esperjenza u opinjonijiet għandhom jitqiesu skond l-età, il-maturità u l-iżvilupp intelletwali tat-tifel jew tifla***, ***billi dan id-dritt huwa assolut u jista' ma jiġix limitat, u billi jridu jinstabu mezzi ta' komunikazzjoni mat-tfal kollha, anke ma' tfal li jesprimu ruħhom b'mod li m'huwiex faċli li jinftiehem mill-adulti, pereżempju tfal żgħar ħafna, tfal b'diżabilitajiet u tfal li jitkellmu lingwa differenti,***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 2
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emenda 27)
Paragrafu 1 a (ġdid)

1a. Jilqa' bi pjaċir id-deċiżjoni tal-Konferenza Intergovernattiva tad-19 ta' Ottubru 2007 li d-drittijiet tat-tfal jiġu inkorporati bħala wieħed mill-objettivi ta' l-Unjoni Ewropea fit-Trattat ta' Lisbona, biex b'hekk tiġi provduta bażi legali ġdida għad-drittijiet tat-tfal;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 3
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 29, 30, 31, 32)
Paragrafu 3

3. Jilqa' t-twaqqif *min-naħa* tal-Kummissjoni ta' Forum li jiġbor flimkien rappreżentanti ta' l-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni, ta' l-Organizzazzjonijiet mhux governattivi (*NGOs*), ta' l-organizzazzjonijiet ***nazzjonali u*** internazzjonali attivi fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, u tat-tfal innifishom; ***peress li l-parteċipazzjoni tat-tfal għandha titqies bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Forum, jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-parteċipazzjoni tat-tfal u anke ta' l-ombusmen għad-drittijiet tat-tfal fl-Istati Membri, u kif ukoll tal-ġenituri u tal-assoċjazzjonijiet għall-familji;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 4
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 33, 34, 35, 36, 37)
Paragrafu 4

4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta ħalli tinħoloq linja tal-baġit speċifika dwar id-drittijiet tat-tfal li tippermetti li jiġu ffinanzjati ***l-ħidma biex tiġi implimentata l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2006 "Lejn Strateġija ta' l-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2006)0367) u*** proġetti ***speċifiċi għat-tfal*** bħal sistema Ewropea ta' allarm *bikri dwar* "serq ta' tfal"***, u entità ta' koordinazzjoni magħmul mir-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri li huma nkarigati li jnaqqsu n-numru ta' każi ta' serq ta' tfal***; ***il-linja tal-baġit għandha tinkludi wkoll sussidji għal netwerks ta' NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam u tassigura***

***li t-tfal jieħdu sehem fil-ħidma biex jiġu implimentati dik il-Komunikazzjoni u dawk il-proġetti*;**

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 5
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 41, 42, 43)
Paragrafu 5

5. Jifraħ bil-ħolqien, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' grupp interservizzi u *bin*-nomina ta' *koordinatur* għad-drittijiet tal-*minorenni* u jispera li tinħoloq unità ta' koordinazzjoni anki fi ħdan il-Parlament, ***kif previst fit-Trattat ta' Lisbona, biex jaġixxi b'mod koordinat mal-grupp interservizzi tal-Kummissjoni,*** sabiex jingħaqdu u jiġu rrazzjonalizzati l-inizzjattivi u l-attivitajiet Parlamentari *kollha* relatati mad-drittijiet tat-tfal; ***hu tal-fehma*** li tali struttri ***għandhom*** jiggarantixxu ***wkoll*** netwerk ta' skambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba***, f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali dwar it-tfla li qed jiġu implimentati f'xi Stati Membri***; ***jistieden lil dawn l-entitajiet biex jistabbilixxu kuntatt dirett ma' organizzazzjonijiet immexxija mit-tfal u miż-żgħażagħ sabiex tkun żviluppata, implimentata, immoniterjata u żgurata l-parteċipazzjoni sinifikattiva u effettiva tat-tfal fit-teħid tad-deċiżjonijiet kollha li jaffettwahom;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 6
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 44, 45, 47)
Paragrafu 6

6. Jistenna b'interess il-pubblikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, *fl*-2008, ta' ***l-istudju tagħha li jevalwa l-impatt ta' azzjonijiet eżistenti ta' l-UE li jaffetwaw id-drittijiet tat-tfal u ta'*** dokument ta' konsultazzjoni *intenzjonat biex* jiġu definiti l-prijoritajiet *ewlenin* ta' *l*-azzjoni futura ta' l-UE fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, ***bl-għan li tiġi adottata 'White Paper'*** u *jistieden lill-Kummissjoni* sabiex *tqis ir*-riżultati tal-konsultazzjoni mmexxija minn Save the Children u minn *Plan International* fost elf tifel u tifla fil-bidu ta' l-2007, li wriet li *l-kwistjonijiet* li huma jqisu bħala prijoritarji kienu l-vjolenza fuqhom stess, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali u r-razziżmu li huma kienu vittmi *tagħhom*, l-effetti tad-droga, ta' l-alkoħol u tat-*tipjip*, il-

prostituzzjoni u t-traffikar, kif ukoll il-protezzjoni ta' l-ambjent[1]; ***apparti dawn il-kwistjonijiet prijoritarji speċifiċi, id-dritt tat-tfal li jipparteċipaw u jinfluwenzaw irid ikun l-għan aħħari ta' din l-istrateġija; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa proċess li fih il-partijiet kollha li għandhom sehem fil-qasam, inklużi t-tfal, ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-konsultazzjoni li twassal għall-istrateġija ta' l-UE dwar id-drittijiet tat-tfal;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 7
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 51, 52, 53)
Paragrafu 8

8. *Jistieden* lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u lill-Istati Membri sabiex ***jikkoperaw flimkien ma' l-aġenziji tan-NU, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u ċ-ċentri ta' riċerka*** ħalli jtejbu l-ġabra ta' dejta statistika ***li tista' titqabbel*** rigward is-sitwazzjoni tat-tfal *fl*-UE, u jekk ikun il-każ billi jestendu l-mandat ta' l-Eurostat, bil-għan li ***jiġi żviluppat u*** inkluż numru ikbar ta' indikaturi dwar it-tfal, b'mod speċifiku ***li, pereżempju, għandhom x'jaqsmu mal-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali***; ***għandha tkun żgurata l-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ġbir tad-dejta;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 8
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 54, 55)
Paragrafu 8 a (ġdid)

8a. ***Iqis li huwa importanti ħafna li informazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal titqassam lit-tfal b'mod li jinftiehem mit-tfal u permezz ta' mezzi xierqa; jistieden lill-Kummissjoni biex:***
- tiżviluppa mezzi ta' komunikazzjoni effettivi, inkluża websajt li tintuża faċilment mit-tfal, biex tippromwovi l-ħidma ta' l-UE għad-drittijiet tat-tfal;
- twaqqaf sistema ta' informazzjoni permanenti u maqsuma sabiex jitjieb l-għarfien tas-sitwazzjoni tat-tfal fl-UE;
- toħloq u tippromwovi kanali għal informazzjoni perjodika u regolari dwar is-sitwazzjoni tat-tfal fl-UE, bħal rapporti statistiċi, studji u skambji ta' informazzjoni u prattiki tajbin;

[1] http://www.savethechildren.net/alliance/where_we_work/europegrp_haveyoursay.html.

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 9
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 57, 58, 59, 60)
Paragrafu 9

9. Jitlob illi *titqies* l-adeżjoni ta' l-UE għall-***Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u għaż-żewġ protokolli adizzjonali għaliha, u anke għall-***konvenzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa li jikkonċernaw id-drittijiet tat-tfal, ***inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u*** dawk dwar l-*eżerċitar* tad-drittijiet tat-tfal, dwar l-adozzjoni, jew dwar l-isfruttament u l-abbuży sesswali, u *jistieden lill-Kunsill biex jadotta* pożizzjoni ta' prinċipju, sabiex *l-*UE, fil-ġejjieni, *tkun tista'* tipparteċipa fin-negozjati dwar *konvenzjonijiet b'*mod partikolari dawk ***relatati mad-drittijiet tat-tfal***;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 10
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 61, 62, 63)
Paragrafu 11

11. ***Iqis li hu ta' min wieħed jiddispjaċih li mhux*** l-Istati Membri kollha ***ġa stabilixxew kariga ta'*** *ombudsman għad-drittijiet tat-tfal,* kif ***mitlub mill-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet tat-Tfal, biex jippromwovi r-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-***Konvenzjoni *tan-NU ta' l-1989* dwar id-*Drittijiet* tat-*Tfal****, u jistieden lil dawk l-Istati Membri li dan għadhom m'għamluha biex jieħdu dan il-pass malajr kemm jista' jkun***; ***huwa tal-fehma li l-UE għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju lin-Netwerk Ewropew ta' Ombudsmen għat-Tfal (ENOC), sabiex in-netwerk ikun jista' jindirizza b'mod dawk il-kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tat-tfal b'mod aktar intensiv u mifrux fl-Unjoni Ewropea kollha;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 11
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 75, 76, 77, 78, 79, 81, 84, FEMM 12)
Paragrafu 12

12. Jafferma li l-***ebda forma ta'*** vjolenza fuq il-*minorenni* ***fi kwalunkwe kuntest, inkluża d-dar, ma tista' tiġi ġustifkata u trid tkun kundannata, u għalhekk jitlob li ssir leġiżlazzjoni fl-UE kollha li tipprojbixxi kull forma ta' vjolenza, abbuż sesswali, kastigi degradanti u prattiċi tradizzjonali li huma ta' ħsara***; ***jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal inkluża vjolenza fiżika, psikoloġika u sesswali, bħat-tortura, l-abbuż u l-isfruttament tat-tfal, il-ħtif tat-tfal, it-traffikar jew il-bejgħ tat-tfal u l-organi tagħhom, il-vjolenza domestika, il-pornografija bit-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal, il-pedofilija, u prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara bħall-mutilazzjoni tal-ġenitali femminili, żwiġijiet sfurzati u delitti ta' l-unur;*** jfakkar li ***r***-rakkomandazzjonijiet formulati fl-***Istudju tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Vjolenza kontra t-Tfal dwar il-prevenzjoni u r-rispons għal kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal - b'mod partikulari, jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu prijoritizzati l-politiki preventivi u jissaħħu s-servizzi soċjali , b'referenza speċjali għas-servizzi għall-medjazzjoni familjari, li jissaħħaħ ir-rispons li jingħata wara li sseħħ il-vjolenza b'appoġġ għall-vittmi, biex min iwettaq vjolenza jinżamm responsabbli u biex jissaħħu l-ġbir u l-analiżi tad-dejta dwar din il-problema moħbija; jitlob biex, fi ħdan il-qafas tal-politiki dwari l-prevenzjoni tal-vjolenza kontra t-tfal, jiġu promossi kampanji għat-tqajjim ta' kuxjenza, għall-informazzjoni u għall-edukazzjoni, u attivitajiet għall-bini ta' kapaċità għall-gruppi professjonali li jaħdmu mat-tfal u għalihom;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 12
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 87, 88, 89, 90, 124, 125, 127)
Paragrafu 13

DIN L-EMENDA TA' KOMPROMESS SE TKUN DISPONIBBLI BISS BL-INGLIŻ QABEL IL-VOTAZZJONI

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 13
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 91, FEMM 23, JURI 1)
Paragrafu 13 a (ġdid)

13a. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tappoġġja r-ratifika ta' malajr tal-Protokoll għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal li ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU nhar il-25 ta' Mejju 2000 u l-Protokoll Fakultattiv dwar l-involviment tat-tfal f'kunflitt armat;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 14
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 94, FEMM 23, CULT 18)
Paragrafu 14

14. ***Jistieden lill-Kummissjoni biex immedjatament tkompli b'evalwazzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal bl-intenzjoni li tagħmel proposta għall-emendar immedjat tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma kontra dik id-deċiżjoni u jappoġġja*** l-impenn tal-Kummissjoni li, flimkien mas-soċjetajiet prinċipali li joħorġu l-karti ta' kreditu (credit cards), qed tevalwa l-possibilità teknika li websajts li jbiegħu materjal pedopornografiku fuq l-Internet, jitneħħew mis-sistema ta' pagamenti online ***jew li jiddaħħlu restrizzjonijiet oħra***; ***bl-istess mod jistieden lil atturi ekonomiċi oħra bħal banek, aġenziji tal-kambju, fornituri ta' l-internet u operaturi ta' 'search engines' biex jieħdu sehem attiv fl-isforzi biex jiġu miġġielda l-pornografija tat-tfal u forom oħra ta' sfruttament kummerċjali tat-tfal; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fir-rigward ta' l-adozzjoni tad-direttiva ġdida għas-servizzi tal-midja awdjoviżivi, biex jipprojbixxu l-pornografija tat-tfal u l-vjolenza kontra t-tfal fis-servizzi kollha tal-midja awdioviżivi; iqis li waħda mill-prijoritajiet bażiċi tal-Kummissjoni għandha tkun li jissaħħu l-operazzjonijiet transkonfinali kontra s-siti internet ta' pornografija bit-tfal u li tittejjeb il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi tas-settur privat bl-għan li jkun hemm impenn biex jitwaqqfu s-siti illegali;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 15
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 96, 97, 98, 99, 100, 101)
Paragrafu 15

15. ***Jitlob, fl-interess tad-difiża tad-drittijiet tat-tfal, li tinħoloq*** sistema *ta' regolamentazzjoni* xierqa ***(tħassir),*** effikaċi ***u proporzjonata bi djalogu mal-***fornituri, ***mal-midja (***televiżjoni pubblika u privata***, min jirriklama, l-istampa, il-logħob elettroniku, il-mowbajls u l-internet)*** u ***ma' l-***industrija, li fost oħrajn timmira lejn il-projbizzjoni ta' xandir ta' stampi u ta' kontenut ta' ħsara (inkluż il-fenomenu *tas-cyberbullying*) u tal-kummerċjalizzazzjoni ta' logħob *elettroniku* vjolenti, li huma ta' ħsara għall-iżvilupp psikofiżiku tat-tfal peress li jrawmu l-vjolenza ***u s-sessiżmu***; ***barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni bi preokkupazzjoni, għall-problema li qed tikber ta' skambji ta' ritratti pornografiċi jew marbuta ma' l-abbuż tat-tfal permezz ta' l-MMS; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-programm għal Internet iktar sikur marbut ma' l-implimentazzjoni ta' miżuri operattivi u tekniċi għall-promozzjoni ta' l-użu iktar sikur ta' l-Internet, speċjalment mit-tfal; fi ħdan dan il-qafas, jistieden lill-Istati Membri u lill-Fornituri ta' Servizz ta' l-Internet (ISPs) biex, b'kollaborazzjoni mal-kumpaniji tas-search engines u l-pulizija, jimplimentaw teknoloġija ta' blukkar sabiex l-utenti ta' l-Internet ma jkunux jistgħu jidħlu f'siti illegali marbuta ma' l-abbuż sesswali tat-tfal u biex il-pubbliku ma jkollux aċċess għal materjal li juri l-abbuż sesswali tat-tfal;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 16
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 105, 106)
Paragrafu 15 a (ġdid)

15a. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu kontrolli iktar stretti tal-kontenut ta' programmi tat-televixin li jintwerew f'ħin meta n-numru ta' tfal li qed jaraw it-televixin ikun l-ogħla, u biex jgħinu l-kontroll mill-ġenituri billi jagħtu informazzjoni xierqa u omoġenika dwar il-programmi televiżivi; jenfasizza li t-teknoloġija informatika tagħti possibilitajiet ulterjuri lit-tfal biex jaċċessaw programmi televiżivi fi kwalunkwe ħin, minn kwalunkwe kompjuter b'konnessjoni ma' l-internet; jirrimarka li hemm bżonn ta' aktar konsiderazzjoni biex jiġu riveduti d-dritt għal aċċess bla restrizzjonijiet mill-mass midja għat-tfal u d-dritt tat-tfal li jkollhom aċċess bla restrizzjonijiet għall-mass midja;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 17
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 107, 108, 109, 110, 111, 112)
Paragrafu 16

16. Jistieden ***lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex fl-istrateġija tagħha għall-ġejjieni tfassal*** pjan ta' prevenzjoni ***komprensiv*** kontra l-kriminalità fost iż-żgħażagħ u l-bullying ***fl-iskejjel***, ***u kontra mġieba ta' ħsara oħra, u l-problema speċifika ta' gangs ta' żgħażagħ, pjan*** li jinvolvi l-ewwel u qabel kollox lill-familji u lill-iskejjel***, lis-servizzi soċjali li jipprovdu appoġġ għall-familji, liċ-ċentri sportivi u għaż-żgħażagħ, liż-żgħażagħ innifishom, b'attenzjoni parikulari biex jiġu provduti opportunitajiet u tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà***; ***jirrakkomanda li l-Istati Membri jaqsmu l-prattiki tajba tagħhom ma' xulxin***;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 18
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 119, 120)
Paragrafu 18

18. Jitlob li t-turiżmu sesswali li jinkludi t-tfal jitqies bħala reat fl-Istati Membri kollha, li dan ikun iggvernat minn liġijiet penali extraterritorjali***; jitlob biex kull ċittadin ta' l-UE li jwettaq reat f'pajjiż terz jiġi ġġudikat skond sett uniku ta' liġijiet penali extraterritorjali applikabbli fl-UE kollha, bi qbil mal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Tfal dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal; jitlob*** li l-Europol jingħata l-mandat sabiex jikkopera mal-forzi tal-pulizija ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kkonċernati minn dan it-tip ta' turiżmu biex isiru inkjesti bil-għan li jiġu identifikati l-awturi ta' dawn ir-reati; ***jitlob miżuri xierqa għar-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni soċjali tal-vittmi ta' l-ifruttar sesswali li ġew liberati minn min kien qed jisfuttahom; jitlob ukoll informazzjoni aktar komprensiva dwar it-turiżmu sesswali tat-tfal fl-Istati Membri;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 19
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 130, 132)
Paragrafu 19

19. Jitlob sabiex *(tħassir)*, fir-rigward tal-*minorenni*, ikunu previsti miżuri alternattivi

għall-ħabs, kompatibbli mal-gravità tar-reat magħmul, u li jkunu wkoll garantiti miżuri ta' edukazzjoni mill-ġdid***, bħal servizz komunitarju għaż-żgħażagħ,*** sabiex fil-futur jerġgħu jiddaħħlu fis-soċjetà u fil-ħajja professjonali, b'kunsiderazzjoni *xierqa* tal-ħtieġa li l-*minorenni* jridu jkunu mgħallma li huma għandhom drittijiet *imma anke* dmirijiet***, waqt li jiġi osservat li d-detenzjoni ta' min iwettaq reat minuri għandha ssir biss meta jkun falla kull tentattiv ieħor u għall-iqsar perjodu possibbli;jitlob ukoll miżuri edukattivi biex tkun żgurata r-rijintegrazzjoni soċjali u vokazzjonali; huwa tal-fehma li l-għan ta' miżuri ta' edukazzjoni mill-ġdid għandu jkun inter alia li ż-żgħażagħ jingħataw l-għerf u l-għodda meħtieġa biex jiffaċċjaw is-sitwazzjoni reali li jgħixu fiha, u dan ifisser li r-responsabilità tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet ta' l-oħrajn issir ċara għalihom, bħalma tkun ċara r-responsabiltà li jħarsu l-liġijiet u r-regoli stipulati mis-soċjetà; iqis li huwa essenzjali li ż-żgħażagħ jiżviluppaw f'individwi responsabbli, li jkunu involuti u li jingħataw id-dritt li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tagħhom stess u l-kwistjonijiet li jikkonċernawhom;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 20
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 133, 141)
Paragrafu 19 a (ġdid)

DIN L-EMENDA TA' KOMPROMESS SE TKUN DISPONIBBLI BISS BL-INGLIŻ QABEL IL-VOTAZZJONI

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 21
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 146, 148)
Paragrafu 22

22. Ifakkar li fl-Unjoni Ewropea 19% tat-tfal jgħixu fil-limitu tal-faqar u għalhekk huwa neċessarju li jittieħdu miżuri xierqa ta' għajnuna, ***speċifikati għall-bżonnijiet tat-tfal,*** *inklużi miżuri* ta' appoġġ għall-familji tagħhom ***u jistieden lill-Istat Membri biex jadottaw objettivi ambizzjużi u li jistgħu jinkisbu biex il-faqar tat-tfal jitnaqqas - u eventwalment jinqered***;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 22
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 171, 172, 173, AFET 34)
Paragrafu 27

27. ***Huwa tal-fehma li l-UE għandha tiffissa objettiv għaliha nnifisha biex ikun żgurat li ma jkunx hemm tfal bla dar jew li jgħixu fit-toroq fl-UE;*** *jitlob li jkun* hemm miżuri xierqa ***u mmirati*** ta' għajnuna għat-tfal ***bla dar u*** fit-triq***, peress li ħafna minnhom huma trawmatizzati bil-kbir u esklużi soċjalment, ma jingħatawx edukazzjoni jew kura tas-saħħa formali, huma partikolarment vulnerabbli li jsiru l-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin (bħall-prostituzzjoni, it-traffikar ta' organi u l-adozzjoni illegali), tal-vizzju tad-droga u tal-kriminalità u spiss jiġġiegħlu jittallbu***; ***jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrikonoxxu li l-eluf ta' tfal fit-triq u tfal mġiegħla jittalbu huma kwistjoni serja soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem u jistieden ukoll lill-Istati Membri biex jintroduċu sanzjonijiet kontra dawk responsabbli għad-degradazzjoni tat-tfal mġiegħla jittalbu;***

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 23
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 177, 178)
Paragrafu 29

29. Jispera li tkun verifikata l-possibilità li jkun ikkonċepit strument *Komunitarju* fil-qasam ta' l-adozzjoni, ***żviluppat b'mod konformi mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u ma' standards internazzjonali relevanti oħra, li jtejjeb il-kwalità tal-kura f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi informattivi, it-tħejjija ta' adozzjonijiet internazzjonali, l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-adozzjoni internazzjonali u s-servizzi ta' wara l-adozzjoni,*** b'kunsiderazzjoni li l-konvenzjonijiet internazzjonali kollha rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal jirrikonoxxu d-dritt ta' tfal abbandunati jew orfni li jkollhom familja jew li jkunu protetti;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 24
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 180, 182, 183)
Paragrafu 30

DIN L-EMENDA TA' KOMPROMESS SE TKUN DISPONIBBLI BISS BL-INGLIŻ QABEL IL-VOTAZZJONI

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 25
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 186, 187, 188, 189, 192)
Paragrafu 32

32. Jitlob *li jittieħdu l-passi* sabiex *ikunu affrontati b'aktar determinazzjoni l*-kwistjonijiet marbuta ***mad-diskriminazzjoni, mad-diversità soċjali, mat-tagħlim tat-tolleranza fl-iskejjel, ma' l-edukazzjoni dwar l-għajxien b'saħħtu,*** ma' l-edukazzjoni *dwar l*-ikel, ***mal-prevenzjoni ta'*** l-abbuż ta' l-alkoħol***,*** tad-*droga,* ***ta' prodotti mediċinali u psikotropiċi u ta' sustanzi intossikanti oħra, u ma' edukazzjoni xierqa relatata mas-saħħa sesswali***;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 26
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 196, 197, 198)
Paragrafu 33

33. Jitlob li tingħata attenzjoni partikulari***, fl-aħjar interessi tat-tfal,*** lis-sitwazzjoni tat-tfal ***refuġjati, li qed jitolbuażil u*** migranti, ***u tat-tfal*** li l-ġenituri tagħhom ikunu jew persuni li jitolbu l-ażil, jew refuġjati, jew inkella immigranti illegali, sabiex *jiġi żgurat li* dawn it-tfal ***ikunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom ikun xi jkun l-istatus legali tal-ġenituri tagħhom u*** ma jkollhomx isofru r-riperkussjonijiet negattivi ta' sitwazzjoni li mhumiex responsabbli għaliha ***u li jiġu indirizzati l-ħtieġijiet speċjali tagħhom***;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 27
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 207, 208)
Paragrafu 35

35. Jiġbed l-attenzjoni ***għall-fatt li*** tfal mhux akkumpanjati ***minn adulti***, ***tfal*** mingħajr stat, kif ukoll ***(tħassir)*** tfal li t-twelid tagħhom ma jkunx ġie rreġistrat ***qegħdin f'riskju partikulari, u jistieden lill-Istati Membri biex ifasslu*** miżuri speċifiċi ***fuq il-bażi ta' dak li hu l-aħjar għat-***tfal ***individwali***, hekk kif definit mill-***Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u mill-***Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati;

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 28
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi 215, FEMM 37, EMPL 16)
Paragrafu 35 a (ġdid)

DIN L-EMENDA TA' KOMPROMESS SE TKUN DISPONIBBLI BISS BL-INGLIŻ QABEL IL-VOTAZZJONI

Or. en

Emenda ta' kompromess imressqa minn Roberta Angelilli

Emenda ta' kompromess 29
(Emenda ta' kompromess li tieħu post l-Emendi EMPL 44, DEVE 17, 19)
Paragrafu 35 b (ġdid)

DIN L-EMENDA TA' KOMPROMESS SE TKUN DISPONIBBLI BISS BL-INGLIŻ QABEL IL-VOTAZZJONI

Or. en